MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2004

Numru 420/2004

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

Vs

Kenneth Cordina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Kenneth Cordina ta' karta ta' l-identita' 116273(M).

Akkuzat talli: F'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Novembru, 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Liema oggetti kienu gejjin minnserq ikkwalifika bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-hin.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni f’din l-ewwel udjenza f’liema ammissjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti kienet taghtu zmien jikkonsidra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza kontra l-imputat titratta r-ricettazzjoni.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu hati, rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 u ghal din id-darba tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’perjodu ta’ 18 il-xahar mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------